

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8077 — bancopopular-e/Banco Popular Portugal)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2016/C 231/06)

1. Fis-16 ta' Ġunju 2016, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' proposta ta' akkwist skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Bancopopular-e SA ("E-Com", Spanja), li hija impriża konġunta (joint venture, JV) ikkontrollata minn Banco Popular Español SA ("Banco Popular", Spanja) u ċerti fondi affiljati privati ġestiti minn Värde Partners Inc. ("Värde", l-Istati Uniti tal-Amerika), takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tan-negozju tal-kards ta' pagamenti (l-"Assi") ta' Banco Popular Portugal, SA ("BPOP", il-Portugall), sussidjarja kollha kemm hi proprjetà ta' Banco Popular.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- E-Com tipprovdi servizzi relatati mal-ħruġ ta' kards ta' pagamenti u, sa ċertu punt, mad-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni fis-suq Spanjol,
- Banco Popular tispeċjalizza f'operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur u daww kummerċjali. Huwa attiv ukoll fil-ħruġ ta' kards ta' pagamenti fil-Portugall, u sa ċertu punt, fl-għoti ta' servizzi tal-assigurazzjoni u fid-distribuzzjoni tas-servizzi ta' assigurazzjoni fi Spanja u l-Portugall,
- Värde hija ditta ta' investiment dinji, li tispeċjalizzaw f'investimenti alternattivi u b'għarfien espert fi sħubija ma' istituzzjonijiet finanzjarji dinjija. L-attivitajiet tagħha jiffokaw primarjament fl-Istati Uniti tal-Amerika, l-Ewropa u l-Asja,
- L-Assi jinkludu n-negozju tal-ħruġ ta' kards ta' pagamenti ta' BPOP fil-Portugall.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-faks (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza "M.8077 — bancopopular-e/Banco Popular Portugal", f'dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.